**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Lulju, 2025

Rikors Ġuramentat: 243/20AL

**A B**

**vs.**

**C B**
**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 2143/2003)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

*1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-22 ta' Novembru 2003 (Dok. A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel u cioe, G B li twieled fis-26 ta' Jannar 2005 (Dok. B);*

[1] Fol. 1.

*2. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u l-attrici kienet kostretta tipprezenta din l-istanza principalment minhabba l-adulterju, l-eccessi, inkompatibilita ta' karattru, theddid u offizi gravi tal-konvenut zewgha kontra taghha.*

*3. Illi l-kontendenti ilhom de facto mifrudin u jgħixu separatement minn Frar tas- sena 2020;*

*4. Illi ghaliex iz-zwieg tal-kontendenti tkisser ghal kollox, il-kontendenti bdew il-process ta' medjazzjoni bil-hsieb illi jaslu ghall-akkordju izda ma ntlahaq ebda ftehim.*

*5. Illi l-adulterju tal-konvenut ilu ghaddejj minn Ottubru tas-sena 2005, meta l-attrici kienet ghada biss tqila bil-wild taghhom G. Illi l-attrici taf illi kien hemm diversi drabi ohra fil-kors taz-zwieg tal-kontendenti fejn l-konvenut wettaq adulterju;*

*6. Illi l-konvenut huwa vvizzjat bil -hidma tan-nar. Dan tant illi tul is-snin taz-zwieg taghhom, l-konvenut rari kien ikun prezenti, kemm fil-hajja ta' kuljum u kemm sabiex iqatta hin mal-attrici u ma' binhom bhala familja. L-konvenut kien assenti wkoll ghall-maggor parti tal-operazzjonijiet tal-attrici u kif ukoll ma provda ebda ghajnuna fiz-zmien ta' rkupru taghha.;*

*7. Illi fin-nuqqas tal-prezenza tal-konvenut, l-attrici rabbiet lill-binha G prattikament wahedha;*

*8. Illi anke f'hinijiet ta' access tal-minuri G ma' missieru, l-konvenut - il-minuri jithalla wahdu gewwa r-residenza tal-missier regolarment sakemm l-konvenut iqatta sieghat twal jahdem in-nar. Jinghad illi l-konvenut qatt ma bena relazzjoni soda mal-minuri G;*

*9. Illi kemm matul iz-zwieg tal-kontendenti u kif ukoll fil-prezent, il-konvenut huwa riluttanti illi jhallas ghall-bzonnijiet*

*t'ibnu. Sa minn meta l-attrici telqet mid-dar matrimonjali fi Frar l-konvenut ma hallas ebda manteniment. Illi fl-istess waqt dawn l-ahhar ftit gimghat l-konvenut qieghed jipprova jixtri lill-ibnu Savior b'oggetti materjali sabiex minghalih jpatti ghan-nuqqas ta' relazzjoni illi ghandu m'ibnu;*

*10. Illi l-konvenut - nonostante n-nuqqas ta' prezenza tieghu tul is-snin, l-imgieba u l-adulterju - jinsab jghix gewwa d-dar matrimonjali tal-kontendenti. Dan ad eskluzzjoni tal-attrici u binha, illi jinsabu jgħixu m'omm l-attrici. Ghad illi parti mid-dar matrimonjali hija proprjeta parafernali tal-konvenut - l-attrici ghanda sehema minn tnejn u tmenin metri kwadri (82sqm) tal-istess dar illi nxtraw fil-kors taz-zwieg. Dan apparti xogholijiet u ghamara gewwa d-dar matrimonjali illi ffinanzjat l-attrici;*

*11. Illi fil-kors taz-zwieg tal-kontendeti l-attrici ghamlet diversi arrikamenti fil-patrimonju tal-konvenut, billi l-valuri illi ghanhom jirrizultaw mill-evidenza illi sejra tigi prodotta fil-kors tal-kawza;*

*12. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati illi jipprezentaw kawza ta' separazzjoni b' digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Dicembru 2020 (Dok. B).*

*Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:*

*i. tiddikjara u tipprounzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jkun kunsidrata li minnha kien hati tal-firda, l-adulterju, l-eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, liema data tkun dik id-data matul is-sena li spiccat fis-sena elfejn u hamsa*

*(2005), illi fiha l-konvenut kien ghall-ewwel darba hati ta' adulterju u jew ragunijiet ohra illi jwasslu ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).*

ii. *tordna illi l-kura u kustodja tal-imsemmija tifel minuri G B, tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut illi jigi ezervitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabiliti mill-Qorti.*

iii. *tikkundanna lill-konvenut sabiex tihallas lill-attrici martu, manteniment ossija, u sakemm tkun f' impieg regolari l-attrici, il-kontribut tieghu lejn manteniment xieraq u adegwat ghall-htigjijiet tal-imsemmija tifel minuri G illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-istess tifel, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti;*

iv. *tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja, ossija manteniment ghall-htigijiet taghha xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil- fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrii ikun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut u f' kaz illi, minhabba l-fatt illi l-attrici ghandha impjieg u dhul stabbli, dina l-Onorabbli Qorti tqis illi l-konvenut ma ghandux ihallas manteniment lilha ghall-htigijiet tagħha, tiddikjara illi l-komportament l-attrici kien tali illi d-dritt illi tircievi*

*l-manteniment minnghand il-konvenut huwa riservat u jkun ezercitabbli minnha kemm il-darba jkun hemm xi bidla fic-cirkostanzi rispettivi tal-partijiet;*

v. *Tiddikjara illi l-hlas komplessivament maghmul mill-konvenut mil-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), cioe' mid-data illi l-attrici u binha telqu mid-dar matrimonjali, akkont tal-manteniment tal-imsemmija minuri, sa dakinhar tal- eventwali sentenza jew jum iehor stabilit appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, kien, tenut kont tal-htigijiet tal-minuri u tal-mezzi tal-partijiet, inadegwat u messu kien aktar, u li hemm lok ghalhekk illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas, ossija jirrifondi, lill-attrici somma illi tkun ekwivalenti ghall-arretrati ta' manteniment illi huwa messu hallas izda ma hallasx, kif hawn spjegat.*

vi. *B' riferenza ghall-infieq tal-attrici ghall-htigijiet tal-imsemmija tifel minuri, il-mezzi tal-kontendenti matul iz-zmienijiet rilevanti, u l-hlasijiet illi l-konvenut messu ghamel lill-attrici ghall-manteniment tal-imsemmija tifel minuri u dawk li effettivament ghamel, tillikwida l-arretrati ta' manteniment mil-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), cioe' mid-data illi l-attrici u binha telqu mid-dar matrimonjali, sad-data illi fiha s-sentenza fuq it-talbiet precedenti ssir res judicata jew data ohra appozitament stabilita mill-Qorti mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabilita u applikata minn dina l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici sabiex jirrimborza lill-istess attrici ghall-hlasijiet maghmula minnha illi messhom saru minnu in parte jew in toto.*

vii. *Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma hekk stabilita u likwidata minn din il-Qorti bhala arretrati ta' manteniment, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabiliti f' dan ir-rigward mill-istess Qorti u b'zieda mal-manteniment li jigi ordnat skont kif mitlub fit-talba numru (iv).*

viii. *tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, skont kif jidher xieraq lill-dina l-Onorabbli wara li tqis l-imgieba tal-konvenut, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).*

ix. *tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha u okkorrendo tordna illi l-attrici ikollha l-amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.*

x. *Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attrici kontra l-konvenut, inkluz il-pagament u avvanzi kollha maghmula mill-attrici lill-konvenut qabel iz-zwieg taghhom, illi bihom il-patrimonju tal-konvenut gie arrikit jew il-valur jew kontenut tieghu kiber, tiddikjara illi l-attrici hija l-kreditur tal-konvenut fis-somma hekk likwidata u tikkundanna lill-konvenut jhallas u jirrifondi lill-attrici l-ammont hekk likwidat;*

xi. *tillikwida l-krediti tal-komunjoni tal-akkwisti kontra l-konvenut u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti, kontra l-konvenut ossija l-patrimonju parafernali tieghu, liema krediti ghandhom jigu nkluzi fl-iskema tad-divizjoni tal-assi u d-debiti komuni hawn mitluba.*

xii. *tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-assi u d-djun komprizi fl-istess komunjoni tal-akkwisti;*

xiii. *ixxolji kull komunjoni iehor ta' propjeta u/jew ta' gid iehor u/jew ta' dejn ezistententi bejn il-partijiet, ta' liema xorta tkun, tillikwida dan il-gid u d-dejn komuni;*

xiv. *tordna illi jigi akkumulat id-dejn u l-gid kollu komuni tal-kontendenti, sew dak gej mill-komunjoni u kif ukoll dak gej minn komunjoni ohra ta' proprjeta, u kif ukoll dawk il-krediti u djun likwidati b' sehh ta' dak miktlub fis-sebgha talba dwar il-pretenzjonijiet parafernali tal-attur kontra l-konvenuta jew kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

xv. *tordna li l-istess gid u djun komuni, akkumulat skont kif mahsub fit-talba precedenti jew xort' ohra kif ordnat mill-Qorti, jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia f' dak illi jirrigwarda l-gid gej mill-komunjoni tal-akkwisti, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u l-ohra lill-attrici;*

xvi. *tordna illi d-dar gewwa l-Qrendi, gja d-dar taz-zwieg, tigi okkupata mill-attrici u t-tifel minuri G ad eskluzjoni tal-konvenut jew b'sehh ta' dak mahsub fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 55A tal-kapitolu 16, tordna skont ic-cirkostanci illi d-dar taz-zwieg tigi assenjata lill-attrici salv il-kumpens*

*illi għandu jiehu l-konvenut ghat-telf tieghu wkoll bi tpacija tal-manteniment ikapitalizzat skont kif gja mahsub;*

xvii. *tawtorizza lill-attrici illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] fejn eċċepixxa illi:

*a. Illi l-ewwel talba mhijiex opposta fl-intier tagħha, billi l-esponenti qiegħed jaqbel li għandha tiġi ddikjarata u ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, b'dana pero' illi kienet l-attriċi li ġabet it-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti minħabba l-adulterju tagħha, eċċessi, theddid u offizi gravi inkluż l-abbandun mid-dar matrimonjali għal diversi drabi u għaldaqstant id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, KAP. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati kontra l-attriċi;*

*b. Illi t-tieni talba hija opposta u dan għar-raġuni illi l-minuri G B għandu jibqa' jgħix mal-esponenti fid-dar li fiha trabba u cioe' fil-proprjetà parafernali tal- esponenti, salv l-aċċess tal-attriċi li għandu jiġi eżerċitat fil-ġranet u fil-ħinijiet illi jiġu appożitament stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;*

*c. Illi t-tielet talba hija opposta fl-intier tagħha stante illi jekk il-minuri G B jibqa' jgħix fid-dar parafernali tal-esponenti, flimkien mal-esponenti nnifsu, ma jkunx hemm bżonn tal-manteniment kif rikjest mill-attriċi, b'dana pero' illi għandha*

[2] Fol. 21.

*tkun l-attriċi li tagħti l-kontribut tagħha f'dak li jirrigwardaw spejjeż tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri għaliex hija diġa' qiegħda f'impjieg regolari kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*d. Illi r-raba' talba hija opposta fl-intier tagħha għaliex l-esponenti mhuwiex il-kaġun għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet iżda l-ħtija hija tal-attriċi minħabba l-adulterju tagħha, eċċessi, theddid u offizi gravi inkluż l-abbandun mid-dar matrimonjali għal diversi drabi u għaldaqstant għandu japplika l-Artikolu 48(1)(d) tal-Kodiċi Ċivili, KAP. 16;*

*e. Illi l-ħames u s-sitt talbiet kif dedotti huma opposti fl-intier tagħhom stante illi wara l-abbandun tal-attriċi mid-dar matrimonjali, u cioe' mis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) 'il quddiem, l-imsemmi minuri baqa' jgħix fid-dar parafernali tal-esponenti regolarment u cioe' jumejn mal-attriċi u jumejn mal-esponenti, u f'dak iż-żmien li kien joqgħod mal-esponenti, dan tal-aħħar kien jara illi l-ħtiġijiet kollha tal- minuri baqgħu jiġu moqdija, u saħansitra kien ħareġ sehmu flimkien mal-attriċi sabiex lill-minuri jixtrulu laptop għall-iskola, fost każijiet oħrajn;*

*f. Illi s-seba' talba hija opposta stante illi f'dak li jirrigwarda manteniment dovut lill-attriċi, għandu japplika l-Artikolu 48(1)(d) tal-Kodiċi Ċivili, KAP. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'dak li jirrigwarda l-manteniment tat-tifel, l-esponenti lest illi jkompli jrabbi lill-minuri fid-dar parafernali tal-esponenti, ad esklużjoni tal-attriċi, mingħajr ma jitlob manteniment mingħand l-attriċi, ħlief f'dak li jirrigwarda spejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri;*

*g. Illi t-tmien talba hija opposta stante illi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, KAP. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati kontra l-attrici ineramente jew in parti, skont kif jidher xieraq lil din l-Onorabbli Qorti, wara li tieħu*

*konjizzjoni tal-fatti kollha illi ser jiġu pprovati waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*h. Illi d-disa' talba hija opposta peress illi l-esponenti mhuwiex fil-pussess ta' kwalunkwe beni parafernali tal-attriċi u f'dan l-istadju l-esponenti għandu jiġi mogħti l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu, inkluż id-dar matrimonjali;*

*i. Illi l-għaxar talba hija opposta fl-intier tagħha għar-raġuni illi l-attriċi m'għamlet l-ebda avvanzi jew pagamenti qabel iż-żwieġ tal-partijiet, li permezz tagħhom il-patrimonju tal-konvenut seta' jiġi arrikit jew il-valur jew il-kontenut tiegħu seta' kiber;*

*j. Illi t-talbiet numru ħdax, tnax, tlettax, erbatax u ħmistax dwar ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti mhijiex opposta, b'dana pero' illi għandu jitqies illi kienet l-istess attriċi li ġabet it-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ tal-kontendenti u din il-ħtija tal-attriċi għandha tingħata seħħ kif maħsub fil-Liġi, u kwalunkwe pretensjoni li għandha l-attriċi għandha tiġi pprovata waqt is-smigħ tal-kawża;*

*k. Illi t-talba numru sittax hija opposta stante illi l-esponenti mhuwiex ħati għat-tifrik taż-żwieġ u d-dar matrimonjali hija d-dar parafernali tal-esponenti u dan għandu jibqa' joqgħod fiha ma' ibnu l-minuri G B, ad esklużjoni tal-attriċi;*

*l. Illi t-talba numru sbatax mhijiex opposta.*

*m. Illi t-talba dwar l-ispejjeż hija opposta peress illi hija l-attriċi li hija ħatja tas-separazzjoni u l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jitħallsu minnha;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 2143/2003;[3]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri G B bin-numru progressiv 348/2005;[4]

Rat id-digriet tas-7 ta' Diċembru 2020[5] li bih il-Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat il-verbal tal-5 ta' Mejju 2021[6] f'liema seduta, il-Qorti, kif diversament preseduta, irrikjamat l-atti 255/2020 fl-ismijiet inversi u ordnat illi ż-żewġ kawżi jinstemgħu kontestwalment;

Rat illi fl-istess seduta l-Qorti innominat lil Dr Mandy Carabott bħala assistenta ġudizzjarja sabiex tisma x-xhieda prodotta mill-partijiet għajr il-partijiet innifishom u professjonisti, li tismagħhom il-Qorti stess;

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar 2022[7] f'liema seduta l-Qorti, kif diversament preseduta, nnotat li l-kawża fl-ismijiet inversi (*Rik. Ġur. 255/2020 fl-ismijiet C B vs A B*) ntbagħtet quddiem din il-Qorti, kif preseduta, u għalhekk anke din il-kawża (*Rik. Ġur. 243/2020 A B vs C B)* kellha tinstema quddiem l-istess ġudikant u għalhekk il-Qorti kif diversament preseduta ordnat li ż-żewġ kawżi jiġu rinvjati lir-Reġistratur sabiex it-tnejn jinstemgħu quddiem din il-Qorti kif preseduta;

---

[3] Fol. 6 tal-proċess bl-ismijiet Kenneth Tabone vs Caroline Tabone (Rik. Ġur. Nru. 255/2020AL).
[4] Fol. 6A tal-proċess bl-ismijiet Kenneth Tabone vs Caroline Tabone (Rik. Ġur. Nru. 255/2020AL).
[5] Fol. 13.
[6] Fol. 35.
[7] Fol. 72.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għas-seduta tad-9 ta' Marzu 2022[8] quddiem din il-Qorti kif preseduta;

Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu 2022[9] f'liema seduta l-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala assistent ġudizzjarju bis-soliti poteri u fakultajiet, u l-verbal tat-18 ta' Mejju 2023[10] f'liema seduta l-Qorti ħatret lil Dr Marita Pace Dimech bħala assistent ġudizzjarju wara li Dr Critien ġiet elevata għall-ġudikatura;

Rat ir-rikors tal-attriċi tal-21 ta' Awwissu 2023[11] fejn hija talbet illi a tenur ta' l-Artikolu 66F tal-Kap 16, il-Qorti tordna illi t-talba magħmula mill-attriċi għas-separazzjoni titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju u d-digriet tas-17 ta' Settembru 2023[12] li bih il-Qorti laqgħet it-talba;

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-21 ta' Awwissu 2024[13] li bih il-konvenut talab illi l-Qorti tordna li l-provi f'din il-kawża jgħoddu bħala provi fil-kawża 255/2020AL fl-ismijiet inversi, u l-istess *viċe versa,* u d-digriet tal-Qorti tat-22 ta' Settembru 2024[14] li bih il-Qorti laqgħet it-talba;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom, u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[15]

---

[8] Fol. 74.
[9] Fol. 76.
[10] Fol. 155.
[11] Fol. 158.
[12] Fol. 163.
[13] Fol. 293.
[14] Fol. 298.
[15] Fol. 331.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[16]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara l-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom prinċipalment minħabba adulterju, eċċessi, inkompatibilità ta' karattru, theddid u offiżi gravi tal-konvenut kontra tagħha. Matul il-proċeduri mbagħad, titlob illi t-talba għall-pronunzjament tas-separazzjoni titqies bħalha waħda ta' divorzju. Magħdud ma' dan, l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet (u iktar tard din it-talba ġiet konvertita f'waħda għall-ħall taż-żwieġ) filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ minħabba raġunijiet rikonoxxuti mil-Liġi u adulterju minn naħa tiegħu;

2. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-minuri G B u anke arretrati ta' manteniment;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas manteniment xieraq għaliha, pagabbli fil-ġimgħa jew fix-xahar jew somma globali li tkun biżżejjed biex tkun finanzjarjament indipendenti;

---

[16] Verbal tas-7 ta' Jannar 2025 a fol. 314.

4. Ixxolji, tillikwida u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet f'żewġ ishma mhux neċessarjament ugwali u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti *ai termini* tal-istess, billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut għandu jkun ikkunsidrat ħati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liema ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, wara li wkoll tillikwida l-krediti parafernali tal-attriċi kontra l-konvenut u tiddikjara lill-attriċi kreditur tal-konvenut fis-somma hekk likwidata;

5. ixxolji kull komunjoni ieħor ta' proprjetà u/jew ta' ġid ieħor u/jew ta' dejn eżistententi bejn il-partijiet, ta' liema xorta tkun u tillikwida dan il-ġid u d-dejn komuni;

6. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16;

7. Tawtorizża lill-attriċi u binha sabiex jgħixu fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut jew tordna li d-dar tiġi assenjata lill-attriċi salv għall-kumpens illi għandu jieħu l-konvenut għat-telf tiegħu wkoll bi tpaċija tal-manteniment ikapitalizzat skont kif ġja maħsub;

8. Tillikwida u tassenja lill-attriċi l-assi parafernali tagħha;

B'talba iktar tard fil-proċeduri,[17] l-attriċi titlob illi tirriverti għal kunjom xbubitha u *ċioé* Q;

Min-naħa l-oħra, il-konvenut, filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali (u iktar tard mat-talba tad-divorzju), jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi u joġġezzjona għall-maġġoranza tat-talbiet fosthom, ir-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, l-għoti tal-kura u kustodja u manteniment tal-minorenni lill-attriċi b'dan illi l-minuri għandu

[17] Nota a fol. 289.

jibqa' jgħix miegħu u jitrabba fid-dar li fiha trabba, l-għoti tal-manteniment lill-attriċi, id-dritt tal-attriċi li tirrisjedi fid-dar matrimonjali u r-radd lura tal-beni parafernali lill-attriċi.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenut:</u>*

L-attriċi tixhed fuq dan il-punt permezz ta' affidavit ppreżentat permezz ta' nota fl-4 ta' Mejju 2021.[18] Tgħid illi ltaqgħet mal-konvenut f'Ottubru 2000 u żżewwġu fit-22 ta' Novembru 2003. Fil-bidu tgħid li kienu joqgħodu għand il-ġenituri tagħha, sakemm fl-2005 marru joqgħodu ġewwa 62, Santa Marija, Triq Sant'Anna, Qrendi. Fl-istess sena, fis-26 ta' Jannar 2005, twieled it-tifel G.

Tgħid li t-tifel prattikament rabbiethu hi għaliex żewġha l-konvenut, bejn xogħol, ħruġ u logħob tan-nar, ma kienx ikun preżenti. Fil-fatt tgħid li waqfet taħdem sakemm it-tifel daħal l-iskola. Sakemm it-tifel kellu għaxar (10) snin kienet taħdem *part-time* għaliex ma setgħux ilaħħqu mal-ħajja, anke mal-loan li kienu kostretti jieħdu ħabba l-ġardina li xtraw. Wara li G għalaq għaxar (10) snin, tgħid li reġgħet bdiet taħdem *full-time.*

Tgħid li ż-żwieġ tħassar minħabba l-aġir ta' żewġha fosthom l-imġieba tiegħu u adulterju. Meta t-tifel kellu tmien (8) xhur, tgħid li qabdet lill-konvenut l-ewwel darba jibgħat messaġġi adulteri. Tgħid li kienet sabet messaġġi vulgari fuq il-mobile ta' oħtha M, li kien bagħtilha l-konvenut. Meta affaċjathom, huma kkonvinċewha li dawk kienu messaġġi bejn il-konvenut u terza persuna P li kienet ħadet il-mobile ta' oħthom. Il-konvenut kien qalilha li ma kien ġara xejn bejnu u bejn P.

[18] Fol. 27.

Fl-2013 imbagħad, fi żmien meta lit-tifel kienu qed isirulu xi testijiet mediċi, kienu ngħataw struzzjonijiet illi t-tifel kellu jkun mistrieħ. Dakinhar bil-lejl il-konvenut ħareġ u għamel sal-4am barra. Jumejn wara tgħid li rċeviet telefonata mingħand mara tgħidilha li dak il-lejl, il-konvenut kien qattgħu il-każin ma' xi ħbieb tiegħu u żewġ (2) nisa u li kienu għaddejjin kunfidenzi żejda. Wara xi ħin telgħu fil-karozza ma' dawn in-nisa. Tgħid li meta kkonfrontatu, l-konvenut ammetta li verament kien magħhom u minn hemm bdew il-proċess tas-separazzjoni.

Wara ftit iżda, tgħid li waqqfet il-proċeduri biex terġa' tagħtih ċans ieħor għaliex tgħid li l-familja kollox għaliha. Tgħid li l-konvenut kien wiegħda li ser jinbidel, joħroġ inqas mal-ħbieb, iqatta' iktar ħin magħhom, inaqqas il-ħin fil-kamra tan-nar u ma jagħtix kunfidenza lil nisa oħra. Minn dan kollu, iżda tgħid li ma sar xejn.

Issemmi inċident ieħor f'Settembru 2014, fejn missierha kien ra lill-konvenut fil-kumpanija ta' mara fil-van tiegħu. Il-konvenut talab lill-missierha biex ma jgħidilha xejn, iżda iktar tard, il-konvenut prova jispjegalha li hu kien sejjer jibdel it-tyres tal-van u kif waqaf fuq il-*lights* ta' Ħal Għaxaq din il-mara qabdet u telgħet fil-van tiegħu u qaltlu biex iwassalha Birżebbuġa. Dakinhar stess, it-tifel kien qalilhom li din l-istess mara, J S, kienet tibgħat lil missieru fuq *Messenger* (it-tifel kien jarahom għaliex kien ikun jilgħab fuq il-laptop ta' missieru) messaġġi tgħidlu *per eżempju* biex jekk ikollu bżonn iċemplilha fuq il-mobile. L-attriċi tgħid li reġgħet telqet mid-dar għaliex reġgħet ħassitha traduta u għalkemm kull darba kien ikun it-tort tal-konvenut, kienet tkun dejjem hi li tipprova tirranġa s-sitwazzjoni u fil-fatt reġgħet lura d-dar, iżda tgħid li din id-darba l-affarijiet ma kienux għadhom l-istess.

Dan għaliex il-konvenut kien xorta baqa' joħroġ ħafna u jmur jaħdem fin-nar. Kien anke jwarrabha meta joħorġu mal-

ħbieb, u jgħaddi kummenti vulgari fuq nisa oħra anke fil-preżenza tagħha. Saħansitra meta fl-2018 kellha tagħmel tliet (3) operazzjonijiet f'sentejn, il-konvenut ftit li xejn mar magħha l-isptar u wisq inqas għinha fi żmien l-irkupru. Tgħid li kienu ħutha M u M, li kienu akkumpanjawha kemm qabel u waqt l-operazzjonijiet. Tgħid li żewġha baqa' jinjoraha.

Tispjega illi hi ma kellha xejn kontra d-delizzju tan-nar, iżda l-problema kienet li kien iqatta' ħinijiet estensivi jaħdem in-nar, 'l bogħod mill-familja. Tgħid li anke meta kienu joħorġu, il-konvenut kien iħalli lilha u lit-tifel, u jmur jixrob ma' sħabu.

Tgħid li l-aħħar ġlieda kbira kienet fi Frar 2020, meta kien daħal id-dar fil-11am wara nofstanhar il-kamra tan-nar u talbitu jgħinha għaliex dakinhar kellha *nightshift*. Tgħid li minn hemm bdiet ġlieda fejn il-konvenut anke kien agressiv magħha u għamel idejh ma' wiċċha, beda jheddidha u jgħidilha li ser tgħallih. Tgħid li l-ġlied kien qed iseħħ spiss u ma felħitx iktar tgħix hekk u telqet tgħix ma' ommha flimkien mat-tifel li kellu ħmistax-il (15) sena. Tispjega li minn dakinhar it-tifel beda jqatta' jumejn mal-konvenut u jumejn magħha meta ma kienx ikun skola u meta kien ikollu l-iskola kien jiltaqa' ma' missieru fil-*weekends*. Tixhed dwar istanzi meta l-konvenut kien jippreferi ma jarax lit-tifel milli jagħmel sforz biex jagħmel l-arranġjamenti neċessarji biex jista' jkun miegħu. Tgħid li ma setgħetx tkellem lill-konvenut dwar it-trobbija tat-tifel għaliex hu ma kienx kapaċi jiddjaloga. Kien jibda jkellimha baxx u ħażin.

L-attriċi tikkonferma dan kollu fix-xhieda li tagħti quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021.[19]

Hija tixhed ukoll fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023,[20] fejn tikkonferma dak kollu li qalet fl-affidavit u żżid li żewġha

---

[19] Fol. 60.
[20] Fol. 237.

lanqas meta kienet qed tagħmel it-testijiet mediċi għand il-ginekologu ma appoġġha. Mhux talli hekk, talli lanqas ried jagħmel it-testijiet li kellu jagħmel hu wkoll, wara li t-tobba tawha parir li hu jagħmel it-testijiet ukoll. Tgħid li minn meta waqfet ikollha x'taqsam ma' żewġha, il-problemi mediċi tagħha f'dan ir-rigward waqfu. Tgħid li hija għad għandha l-affarijiet personali tagħha d-dar għaliex ma ħassithiex komda tirritorna għalihom minħabba l-attitudni aggressiva tal-konvenut. Tgħid li hi għadha wkoll tħallas loan fuq il-kċina mingħajr ma hi qed toqgħod fid-dar. Tgħid li llum il-konvenut għandu mara tgħix miegħu d-dar, bl-isem O R. Tgħid li ratha hi stess fid-dar matrimonjali.

Fil-kontro-eżami[21] hija tikkonferma illi fit-tqala dejjem mar magħha għall-appuntamenti għall-kuntrarju ta' meta kellha problemi mediċi. Tgħid li l-konvenut ma nnega l-ebda inċident li semmiet hi fejn qabditu jirrelata ma' mara oħra.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:*

a. *Ix-xhieda ta' M J fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023*[22] fejn hija tgħid li hija tiġi oħt l-attriċi u li ilha taf lill-konvenut minn meta kienu żgħar, mill-istess raħal. Tgħid li hi u oħtha kellhom tfal tal-istess età u li kienu jqattgħu ħafna ħinijiet flimkien, anke għaliex il-konvenut kien ikun xogħol u kellu d-delizzju tan-nar. Tgħid li anke meta kienu joħorġu flimkien, bejn il-partijiet ma kienx ikun hemm xi komunikazzjoni tajba.

   Tgħid li f'Ottubru 2005, waqt li kienet għand oħtha l-attriċi tgħinha, din qaltilha li oħthom l-oħra M nsiet il-mobile d-dar u ċemplitilha sabiex ma tirrispondihx. Tgħid li hi (ix-xhud) ssuspettat

[21] Seduta tat-23 ta' Lulju 2024 a fol. 148a.
[22] Fol. 237.

ħażin u ċċekkjat il-mobile ta' M hi, u sabet messaġġ oxxen mingħand il-konvenut, filwaqt li l-bqija tal-messaġġi kienu kollha mħassra. Tispjega li kif ratu nħasdet u meta oħtha l-attriċi staqsietha x'ġara, urietha l-messaġġ u hi ħaditha ħażin ħafna. Tgħid li ċemplet lill-konvenut u marru għand oħthom M u qalulha x'ġara. Qaltilhom illi oħthom l-oħra Y insterqilha l-mobile u dan il-mobile inbiegħ lil waħda mill-Belt bl-isem ta' P u li din P qabdet tikkuntattja lil xi ħadd li kellha fil-*contacts*, tibgħat il-messaġġi lill-konvenut u wara ftit din P bagħtet lil oħthom M u qaltilha li r-raġel tagħha qed jibgħatilha l-messaġġi. Tgħid li oħtha M kienet ivvintat din l-istorja elaborata. Tgħid li meta l-attriċi affaċjat lill-konvenut, dan ammetta li kien qed jibgħat dawn il-messaġġi.

Terġa' tispjega li oħthom M kienet qaltilhom li kienet ħalliet dak il-messaġġ fuq il-mobile peress li l-attriċi kienet tqila u ma riditx tinkwetaha u li kellha f'moħħha li mbagħad wara li twelled tgħidilha bih wara.

Tispjega li għalkemm lilha (lix-xhud) il-konvenut dejjem ittrattaha tajjeb, kienet tkun preżenti waqt ħafna argumenti li kien ikollha oħtha miegħu fuq in-nuqqas ta' ħin li kien iqatta' magħhom bħala familja u fuq ix-xogħol tan-nar li kien jiżdied kull sena. Tgħid li l-appuntamenti mediċi dejjem kienet tmur magħha hi u l-konvenut qatt ma kien imur. Tispjega li dawn kienu jikkonsistu f'visti għand it-tobba, erba' (4) raxkamenti u *colonoscopy*.

b. *Ix-xhieda ta' G Q fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023*[23] fejn jgħid li huwa missier l-attriċi u kien jaħdem bħala *driver* il-Wasteserve Wied il-Għajn. Jgħid li huwa kien jiġbor il-karti bejn it-8.30 sad-9.00am u joħroġ bihom. Jgħid li darba minnhom kien ra lill-konvenut ġej minn Ħal Għaxaq, waqt li kien barra bil-karti. Jgħid li "*jien kelli nieqaf hemmhekk u x'hin rajtlu tfajla, saqajn fuq id-dashboard, it-tfajla tpejjep is-sigaretti u jiena ggamjajt x'hin rajtu u x'hin qbizt telaq lejn Birzebbugia u jiena tiela biex ummur l-ufficju għal Hal Ghaxaq u jien waqaft, waqaft niehu zewg nifsijiet, ghax it-tifla ma jixraqilhiex hekk.*" Jgħid li ċempillu l-konvenut u staqsieh kienx hu li ra u missier l-attriċi qallu li iva kien hu u li lanqas jixraqlu jtella tfajla miegħu hekk. Jgħid li l-konvenut qallu biex ma jgħidx lill-attriċi. Hu iżda xorta qal lil bintu x'kien ġara.

*Il-verżjoni tal-Konvenut u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Attriċi:*

Il-konvenut jixhed dwar dan il-punt permezz ta' affidavit intavolat b'nota fis-26 ta' Frar 2021 fil-kawża fl-ismijiet inversi.[24]

Jgħid li huwa ltaqa' mal-attriċi waqt li kien qed jaħdem in-nar għall-festa tal-Qrendi. Jgħid li mil-ewwel għalhekk kienet taf li għandu d-delizzju tan-nar. Jgħid li wara sena li żżewwġu, nqabdet tqila bit-tifel tagħhom G u dejjem mar il-visti magħha tul it-tqala. Jgħid li martu telqet mid-dar f'Ġunju 2013. F'Lulju 2013, jgħid li hu kien xogħol u l-attriċi marret il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ż-Żurrieq ma' oħtha. Jgħid li kien sar jaf li kienet akkwistat linja tal-mobile tal-Melita u bdiet tibgħat lil ċerta persuna li kien ukoll miżżewweġ. Jgħid li

[23] Fol. 117.

[24] Fol. 17 tal-kawża fl-ismijiet Kenneth Tabone vs Caroline Tabone (Rik. Ġur. Nru. 255/20AL).

saħansitra l-mara ta' din il-persuna saret taf u ġiet fl-idejn mal-attriċi. Meta reġgħu lura flimkien f'Settembru 2013, jgħid li hija waqqfet il-kuntratt mal-Melita u weħlet penali ta' ħames mitt Ewro (€500).

Jgħid li mill-2018 'il quddiem l-attriċi ma baqgħetx trid torqod fl-istess sodda u waqfet ukoll ir-relazzjoni sesswali ta' bejniethom. Jispjega li fl-2019, hu għenha ssib impjieg biex ma tibqax ħinijiet twal id-dar u wara ftit bdiet twaħħal fih li bgħatha taħdem biex jeħles minnha. Jilmenta li kienet hi li ma kinitx toħroġ miegħu u ma' ibnu per eżempju meta kien imur l-għalqa mal-familja tiegħu jew iżur il-festi. Jgħid li fis-16 ta' Frar 2020 imbagħad, kien dieħel id-dar u hi kienet qed taħsel l-art. Jgħid li qabdet tgħajjat miegħu u qaltlu li ser titlaq u ma terġax tersaq 'l hemm. Jgħid li mar l-għalqa mal-familja tiegħu u meta mar lura d-dar kienet telqet għand ommha u sal-lum jgħid li għadu ma fehemx għalfejn kienet irrabjata dakinhar u huwa ma jafx għalfejn telqet mid-dar. Jgħid li hu kien jaħdem għall-familja u qatt ma ħalliha nieqsa minn xejn. Jiċħad kull allegazzjoni ta' vjolenza domestika.

Fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2023[25] huwa jgħid illi meta kien ser ikollhom tarbija kien ferħan ħafna u kien imur mal-attriċi kullimkien u jwassalha fejn kienet tgħidlu. Kienu jmorru St James Ħaż-Żabbar għall-visti u kien iwassalha hu. L-istess fl-appuntamenti mediċi, jgħid li kien jistaqsiha u ma kienx imur meta kienet tgħidlu li ma jistax jidħol magħha u allura tidħol oħtha M jew M magħha. Hawn jerġa' jgħid illi r-relazzjoni tagħhom bdiet sejra lura mill-2013, meta l-attriċi kienet bagħtet messaġġi lill-ħabib tiegħu bl-isem Terrance F li kienu jikkonsisti fi kliem bħal, kemm nixtieq qiegħda ħdejk. Jgħid li l-mara ta' dan ir-raġel, E F, kienet rat dawn il-messaġġi meta qabditlu l-mobile waqt il-festa ta' Ħal Kirkop, meta hu kien fis-sakra. Hi u l-attriċi kienu mbagħad iġġieldu bl-idejn għaliex din E kienet marret tfittixha. Ftit xhur wara mbagħad jgħid li l-attriċi kienet riedet terġa tirranġa.

[25] Fol. 128.

Jgħid li dakinhar li rah missier l-attriċi, kien mar biex ibiddel it-tyres tal-van u fi Triq il-Gudja, fit-triq għal Bir id-Deheb, kienet ser taqsam mara li kien jafha minn wiċċha mill-każin u talbitu jwassalha fejn oħtha Marsaxlokk. Mit-2017 imbagħad ir-relazzjoni jgħid li reġgħet marret lura u l-attriċi ma kinitx torqod fis-sodda miegħu. Jgħid li mbagħad sabilha xogħol *full-time* u kienet taħdem bix-xift. Jgħid li fl-agħar ġurnata ta' ħajtu, fil-funeral ta ommu, wkoll iġġieldet miegħu. Dan kien Ottubru 2018. Teqlet imbagħad fis-16 ta' Frar 2018 wara argument.

*Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**[26], fejn il-Qorti tgħid dwar iż-żwieġ illi: "*25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*"

F'każ illi tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra, l-Artikolu 36 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."*

[26] Deċiża fit-30 Ottubru 2015.

Il-liġi tkompli billi tispeċifika raġunijiet li għalihom wieħed jista' jitlob firda taż-żwieġ. Speċifikament ta' interess għal dan il-każ huma Artikolu 38, Artikolu 40 u Artikolu 41 li jgħidu kif ġej:

*"38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-**adulterju** tal-parti l-oħra."* u

*"40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba **eċċessi, moħqrija, theddid** jew **offiżi gravi** tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment: Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkungħamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Artikolu 41 imbagħad jgħid kif ġej:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun **abbandunata** mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

Kif qalet il-Qorti fil-kawża **Marthese Vella *pro et noe* vs G Valla** deċiża mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003 *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni **l-episodji saljenti tal-hajja konjugali** u mhux incidenti ta' importanza minuri"* Tkompli billi tikkwota s-sentenza fl-ismijiet **Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia**[27] *"La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell interesse manifesto del deponente, puo*

[27]Deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 1919.

*inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della depo,sizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…"*

Tgħid il-Qorti dwar Artikolu 40 fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **M Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[28], illi: ***"****Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole* ***non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale****" –* ***"****Elisa Thompson vs Edward Thompson****"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);****"***

Għalhekk huwa ben affermat illi l-motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni ikunu *"indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."*[29] Madanakollu kif ingħad hawn fuq m'hemmx il-ħtieġa li jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja

[28] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).
[29] Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech *et noe* (PA (CC) kollex XXXVII.II.693.

matrimonjali tkun ġiet reża mpossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.[30]

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati fl-Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-Sentenzi fl-ismijiet: **M J vs Vincenzo J**,[31] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[32] ġie ritenut illi fir-rigward ta' **moħqrija**, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".* Mill-ġurisprudenza jidher illi l-kelma 'moħqrija' u s-'sevizzi' jfissru l-istess ħaga.[33] Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**,[34] irritjeniet illi: *"Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi "Il-*liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*".[35] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostitwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne B *pro et noe* vs Jesmond B**,[36] "*il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha*". Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …,*

---

[30] Elisa Thompson vs. Edward Thompson deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925.

[31] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[32] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).

[33] Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).

[34] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 2015.

[35] Antonia J vs Giuseppe J, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[36] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

*hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ*".[37]

Dwar it-theddid tgħid il-Qorti *"Illi l-agravju ta' theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bil-ghan li twegga lil parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta."*[38]

Dwar **<u>L-inġurji u offizi gravi</u>** l-Qrati tagħna jgħidu li "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*",[39] filwaqt li ġew definiti bħala li jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz.

Fil-kawża **Camilleri utrinque** il-Qorti kienet qalet*: "Le ingurie, per essere causa di separazzione devono essere gravi e non semplici invettive scambiate reciprocamente dai conjugi quante insieme si querelavano".*[40] F'dan ir-rigward, huwa wkoll notevoli l-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**,[41] li kkwotat is-segwenti: "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni."*

Is-sentenza fl-ismijiet **M J vs. Vincenzo J**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di*

---

[37] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[38] Camilleri utrinque deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1898.
[39] Sentenza fl-ismijiet Marthese Vella *pro et noe* vs G Vella deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003.
[40] Ibid.
[41]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).

*meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".* (vide A J vs Vincenzo J deciza fit-30 ta' Gunju 1961-Prim Awla)".

Teżisti mbagħad id-distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Fadda jgħallem illi *"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"*.[42] Mill-banda l-oħra,*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[43] Baudry Lacantinerie jikkonferma illi: *"Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione"*.[44]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-**adulterju** hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[45] . Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **M Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika"*

Tgħid il-Qorti *"Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza*

---

[42] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[43] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.
[44] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[45] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

*għal dak li ngħad fis-sentenza "**Rose Gauci vs Salvatore Gauci**" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP - Deċiża fl-1 ta' Ottubru 2002) li in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jiġi ppruvat permezz ta' indizzi u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-ġudikant. Fil-fatt ingħad li:- "... l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta jgħid illi "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "**Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe**". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*[46]

Il-konvenut jaddebita lill-attriċi l-ħtija tas-separazzjoni minħabba abbandun min-naħa tagħha, fejn jgħid li hija telqet mid-dar matrimonjali fis-16 ta' Frar 2020 u ma rritornatx. Hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe*[47]** fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti lill-oħra mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed...*" u "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala*

---

[46] Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna.

[47] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 1961.

*motiv ta' separazzjoni minghajr ir-rekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."

Fil-kawża **Andrea Avellino vs Regina Avellino**[48], insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"

Għalhekk dan l-aggravju jirrikjedi li jiġu ppruvati ċerti kundizzjonijiet. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jiġi kkonfermat huwa ta' sentejn iżda mhux biss – l-intenzjoni trid tkun ċara li ma hemmx ħsieb ta' ritorn u li hemm il-*voglia* li dak li jkun jabbanduna ż-żwieġ mingħajr raġuni.

Issa, fil-frattemp, permezz ta' rikors datat 21 ta' Awwissu 2023, l-attriċi tipprevalixxi ruħha mill-kawża ta' separazzjoni odjerna sabiex titlob lill-Qorti li t-talbiet jiġu konvertiti minn talba għas-separazzjoni personali għal talba għall-ħall taż-żwieġ.

*<u>Artikolu 66A et tal-Kap 16: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:</u>*

L-Artikolu 66A(1) tal-Kap 16 jistipula illi:

"*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-*

[48] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Diċembru, 1949.

*Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza*". B'dana illi r-rekwiżiti għad-divorzju jinsabu elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap 16.

U, "*Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni*".[49] F'tali sitwazzjoni, il-liġi teżiġi fl-Artikoli 66G u 66H tal-Kap 16, illi l-avukati tal-partijiet jaqdu numru ta' dmirijiet. Però l-liġi, fl-Artikolu 66F tal-Kap 16, taħseb ukoll għal dawk l-istanzi fejn:

*"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq*

[49] Artikolu 66D (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

*dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju*."

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall-konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-konvenut issa jinsab f'relazzjoni oħra u li l-partijiet issa ilhom jgħixu separatament u ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet f'din il-kawża jixhdu b'mod illi jikkontradixxu lil xulxin f'kull punt. Għalkemm il-partijiet fetħu l-kawża ħames (5) snin ilu, ftit ġabu provi dwar ir-responsabbilità tat-tkissir taż-żwieġ u għalkemm jallegaw diversi affarijiet fuq xulxin, ftit jikkorraboraw ix-xhieda tagħhom.

Jirriżulta illi l-partijiet iżżewwġu fl-2003, wara tliet (3) snin għerusija. Fl-2005 imbagħad twieled it-tifel G li l-attriċi tgħid li rabbhietu hi għaliex mill-bidu l-konvenut ma kienx preżenti f'ħajjithom. Fil-fatt hija waqfet taħdem sakemm it-tifel daħal l-iskola. L-attriċi tilmenta minn żewġ elementi prinċipali:

1. illi l-konvenut ma kienx preżenti fil-ħajja tagħha u tat-tifel minħabba l-ħruġ ma' sħabu u d-delizzju tan-nar u
2. illi l-konvenut kkommetta adulterju iktar minn darba.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jgħid li ż-żwieġ tkisser minħabba:

1. illi l-attriċi ikkommettiet adulterju ma' ċertu Terrance F u
2. illi l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali diversi drabi bl-aħħar darba tkun fis-16 ta' Frar 2020.

Il-Qorti tara illi l-attriċi tatribwixxi l-firda minħabba nuqqas ta' sostenn minn naħa ta' żewġha fil-ħajja matrimonjali u nuqqas ta' interess ġenerali fiha u fil-familja u prijorità lill-ħbieb u lix-xogħol tan-nar. Għalkemm il-Qorti ftit għandha provi f'dan il-każ, hija konvinta li x-xhieda tal-attriċi f'dan ir-rigward hija waħda kredibbli. Għalkemm anke l-attriċi taqbel illi l-konvenut kien magħha tul il-mixja tat-tqala tat-tifel, wara dan huwa jidher li ma baqax jagħti importanza lill-familja. Ix-xogħol tan-nar kien jidher illi jieħu prijorità f'ħajjet il-konvenut, tant illi ħafna drabi kienet tkun weħedha u dan tixhdu anke oħt l-attriċi, li speċifikament tgħid illi "*jien ma kontx nahdem u konna nkunu hafna flimkien, apparti x-xoghol li kien ikollu, kellu d-delizju tan-nar, jahdem ma' tal-ilma, kienet tqatta' hafna hin mieghi ghax peress li wara x-xoghol, u kellu dak id-delizju kien iqatta hafna hin hemmhekk.*"[50] Lanqas il-konvenut stess ma jidher illi jiċħad dan, anzi jgħid li l-attriċi kienet taf bid-delizzju li għandu u li dan id-delizzju kien għal qalbu,[51] u għalhekk bħallikieku dak il-fatt jiskuża l-fatt illi kien iqatta' ħinijiet twal hemmhekk u jonqos mill-obbligu tiegħu lejn il-familja tiegħu. L-attriċi tgħid li hi m'għandha xejn kontra l-logħob tan-nar, anzi hi stess mill-istess raħal u akkanita għall-festa u għall-logħob tan-nar ukoll, iżda dan bil-limiti tiegħu.

Il-ħbieb u d-delizzji jidher illi kienu tant importanti għall-konvenut, illi kien jinsa l-familja anke f'mumenti ta' tant bżonn bħal speċifikament meta t-tifel kienu qed isirulu testijiet mediċi u kellu joqgħod jistrieħ id-dar, u meta l-attriċi kienet għaddejja minn testijiet mediċi hi. Fil-fatt il-konvenut qatt ma jiċħad illi dakinhar li t-tifel kien id-dar mal-omm jistrieħ, huwa mar il-każin u għamel hemm sas-siegħat bikrin ta' filgħodu. Tgħid ukoll l-attriċi, u tixhed ukoll oħtha, illi "*meta kien ikolli l-problemi ta' gynae dejjem ħuti ġew miegħi.*"[52]

---

[50] Fol. 241.
[51] Fol. 18.
[52] Fol. 148c.

Barra minn hekk, jidher illi l-partijiet kellhom problema ta' komunikazzjoni. Fil-fatt l-attriċi tgħid li meta kienet tkun trid tiddiskuti xi ħaġa miegħu kien jaqbad jitkellem baxx u ma kontx tista' tkellmu, dan anke meta kienu jiġu biex jitkellmu dwar it-trobbija tat-tifel. Il-Qorti tinnota wkoll illi bl-istess sens ta' nuqqas ta' importanza li jagħti lil martu u bl-istess sens ta' nuqqas ta' komunikazzjoni, l-konvenut kien irrifjuta li jieħu xi testijiet mediċi. Tgħid l-attriċi fil-kontro-eżami tagħha illi "*Darba ġie miegħi u kien hemm Professur Margareth Spiteri, Dr Margareth Spiteri u kienet qaltli biex nagħmlu t-testijiet ir-raġel ukoll u kien innega li ma jagħmilomx għax hu mhux marid u ma kellhux għalfejn jagħmel testijiet.*"[53] Dan ma ġiex kuntrarjat mill-konvenut. Ovvjament din kienet nuqqas ta' komunikazzjoni grassa, fejn il-konvenut lanqas prova jifhem ftit għalfejn kellhom isiru dawn it-testijiet u kif kienu ser jgħinu s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha martu.

Il-Qorti hija konvinta illi l-attur irrenda ruħu ħati ta' inġurja gravi meta l-attriċi rnexxilha tipprova illi l-prijorità tal-konvenut ma kinitx iż-żwieġ u r-relazzjoni tiegħu ma' martu, iżda l-ħruġ u l-logħob tan-nar.

Minn naħa l-oħra ż-żewġ partijiet jakkużaw lil xulxin b'adulterju u qajla jġibu provi dwar dan.

Minn naħa tal-attriċi ssemmi tliet istanzi fejn tgħid li ġie pruvat l-adulterju speċifikament is-segwenti:

1. Fl-2005, meta l-attriċi sabet messaġġ tal-konvenut fuq il-mobile ta' oħtha M;
2. F'Ġunju 2013, meta l-attriċi kienet mat-tifel id-dar meta kienu qed isirulu xi testijiet mediċi u l-konvenut mar il-każin u dam lejl barra u mara qaltilha li kien qed jagħti kunfidenzi żejda lil xi nisa li mbagħad telaq fil-karozza magħhom;

[53] Fol. 148 d.

3. F'Settembru 2014, meta missier l-attriċi ra mara fil-karozza tal-konvenut b'saqajha fuq id-*dashboard* u tpejjep sigarett.

Dwar dawn l-okkażjonijiet l-attriċi iġġib jixhdu lil oħtha M, li tgħid li kienet hi li fetħet il-messaġġi tal-konvenut fuq il-mobile ta' oħtha u lil missier l-attriċi li jixhed li hu ra mara fil-van tal-konvenut. Dawn ix-xhieda ma sarilhomx kontro-eżami u l-konvenut bl-ebda mod ma xejjen dak li qalu, madanakollu dan ma jfissirx illi l-adulterju ġie pruvat. Għalkemm il-ġurisprudenza titlob indizji u mhux li dak li jkun jinqabad f'att *in flagrante*, madanakollu dan ma jfissirx li b'messaġġ, anke b'aġir mhux floku, ta' mara oħra li tkun fil-preżenza ta' dak li jkun, ikun ifisser illi ġie pruvat l-adulterju. Il-Qorti hija konvinta li oħt l-attriċi verament sabet dawk il-messaġġi għaliex ix-xhieda tagħha u ta' oħtha dwar dan kienet ukoll waħda konsistenti u l-Qorti hija konvinta wkoll minn dak li ra missier l-attriċi, madanakollu dan ma jfissirx li wieħed jista' jikkonkludi illi l-konvenut b'daqsekk kellu relazzjonijiet adulteri. Tirriżulta mill-aġir tal-konvenut ċertament inġurja gravi li wasslet biex l-attriċi kompliet tibni aversjoni kontra żewġha fl-isfond ta' nuqqas ta' prijorità li kien jagħti liż-żwieġ tagħhom. Il-Qorti fil-fatt hija konvinta li kienet l-amalgamazzjoni ta' dawn iż-żewġ elementi li wasslet għat-tkissir taż-żwieġ.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jiċħad illi ma kienx jagħti sostenn lill-attriċi u jgħid li kien min-naħa tagħha meta rrifjutat l-għajnuna tiegħu. Fl-affidavit tiegħu jgħid illi r-relazzjoni bdiet sejra lura mill-2013 meta hija bdiet tibgħat ċertu messaġġi lil raġel miżżewweġ. Fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2023 imbagħad iżid iktar dettalji li ma kienx qal fl-affidavit meta jgħid li dan ir-raġel kien jismu Terrance F u li l-mara tiegħu E kienet sabitlu dawn il-messaġġi waqt li hu kien fis-sakra. Issa jgħid illi dawn il-messaġġi rahom anke hu. Ma jġib l-ebda prova ta' dawn il-messaġġi iżda jitlob illi l-mara ta' dan ir-raġel, E F tagħmel affidavit. Il-Qorti ċaħdet

din it-talba għaliex din ma kinitx xhud indikata mill-konvenut fir-rikors ġuramentat tiegħu (fl-ismijiet inversi). Li kieku verament il-konvenut kien jemmen li l-inkwiet fiż-żwieġ beda minn din l-istorja li allura tant kienet sinifikanti, allura kien jindika mil-ewwel dawn ix-xhieda fir-rikors ġuramentat tiegħu.

Jgħid li mbagħad għamlu żmien sew sal-2017 fejn ma baqgħetx torqod miegħu, iżda ma jagħti l-ebda raġuni għal dan sakemm fis-16 ta' Frar 2020, mar lura d-dar mill-għalqa fejn kien mal-familjari tiegħu u hija qabdet argument li jgħid li ma jafx x'kien ir-raġuni għalih u abbandunat id-dar. L-attriċi tispjega li dakinhar hija kellha bżonn l-għajnuna u peress li l-konvenut irrifjuta, qabdu argument u tgħid li minn hemm ma setgħetx tissaporti iktar fil-biża u telqet mid-dar.

Il-Qorti ma tarax li ġiet ippruvata vjolenza min-naħa tal-konvenut. Li kien hemm dawn l-argumenti u li l-konvenut ma kienx jikkomunika tajjeb ma' martu, il-Qorti temmen bis-sħiħ, madanakollu l-attriċi bl-ebda mod ma ppruvat illi l-konvenut kien ikun vjolenti magħha.

L-abbandun kif trid il-liġi taħt l-Artikolu 41, hawn fuq ċitat, lanqas ma ġie ppruvat. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċitata dan l-aggravju jirrikjedi li jiġu ppruvati ċerti kundizzjonijiet. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jiġi kkonfermat huwa ta' sentejn iżda mhux biss – l-intenzjoni trid tkun ċara li ma hemmx ħsieb ta' ritorn u li hemm il-*voglia* li dak li jkun jabbanduna ż-żwieġ mingħajr raġuni valida.

Apparti l-fatt illi hawn it-terminu ta' sentejn ma ġiex sodisfatt għaliex l-attriċi telqet mid-dar fis-16 ta' Frar 2020 u l-proċeduri bdew fl-istess sena, il-Qorti hija konvinta li ż-żwieġ ma tkissirx minħabba l-abbandun tal-attriċi li telqet dakinhar mid-dar matrimonjali, iżda hija telqet bħala <u>riżultat</u> (u għalhekk kwalunkwe abbandun ma kienx <u>il-kawża</u>) tat-tkissir taż-żwieġ, li kien ilu sejjer lura mill-aġir kontinwu tal-konvenut li kif spjegat kien jammonta għal inġurji gravi.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta mill-provi li rriżultaw f'dan il-każ illi ż-żwieġ tkisser irrimeddjabbilment minħabba tortijiet li għalihom jaħti l-konvenut li rrenda ruħu ħati ta' inġurji gravi kontra martu.

*Il-Ħall taż-Żwieġ:*

L-attriċi titlob permezz ta' rikors tal-21 ta' Awwissu 2023[54] li din il-kawża tiġi konvertita f'waħda għall-ħall taż-żwieġ u l-konvenut jaqbel ma' dan.[55] Il-Qorti fil-fatt laqgħet it-talba tal-attriċi permezz ta' digriet tas-17 ta' Settembru 2023[56]. Kif diġà ngħad, l-Artikolu 66F jagħti l-fakolta li "*Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.*"

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ. Jiġi ribadit illi sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta skont l-Artikolu 66B li:

(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew

(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u

---

[54] Fol. 158.
[55] Risposta tat-12 ta' Settembru 2023 a fol. 162.
[56] Fol. 163.

F’dan il-każ l-attriċi pproċediet b’din l-azzjoni weħedha u meta għamlet it-talba għall-ħall taż-żwieġ f’Awwissu 2023, il-partijiet kienu ilhom kważi tliet (3) snin ma jgħixux flimkien u għalhekk ir-rekwiżit (a) huwa sodisfatt.

(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:

F’dan il-każ ma jidhirx li hemm l-ebda prospett ta’ rikonċiljazzjoni.

Dwar il-manteniment, l-attriċi tgħid fl-istess rikors illi l-wild tagħhom G kien jgħix magħha u li l-konvenut kien qed iħallas manteniment kif ordnat mill-Qorti u għalhekk ma kienx hemm kwistjonijiet dwar dan.

Għaldaqstant, jirriżulta li l-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 għal ksib tad-divorzju. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiċħad it-talba tal-attriċi.

3. **L-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta’ żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attriċi. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta’ dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48. Dana b’differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni

personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-Qorti sabet lill-konvenut ħati tat-tifrik taż-żwieġ u għalhekk tħoss li għandha tapplika kontrih l-effetti stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16. Id-data li fiha l-konvenut irrenda ruħu ħati għat-tifrik taż-żwieġ hija d-data meta l-attriċi telqet mid-dar u *ċioé* is-16 ta' Frar 2020.

## 4. Manteniment għall-attriċi

Din il-Qorti fl-ewwel lok tagħmel referenza għal dak li tipprovdi l-liġi dwar min fost il-miżżewġin għandu l-obbligu li jipprovdi l-manteniment u għal liema raġunijiet il-miżżewweġ jiddekadi mid-dritt li jirċievi l-manteniment mingħand l-ieħor. Skont l-Artikolu 3 tal-Kap 16, jeżisti l-obbligu li l-konjuġi jmantnu lil xulxin: "*Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skond il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*"

Parti li għandha dan l-obbligu li tmantni lill-parti l-oħra tiġi eżonerata milli tipprovdi l-manteniment jekk il-parti l-oħra tkun il-ħtija tal-firda. F'dan il-każ l-attriċi ma nstabitx ħatja tat-tkissir taż-żwieġ u ma ddekadietx mid-dritt li titlob manteniment mingħand żewġha.

F'dan il-każ, l-attriċi, kif xehdet hi, waqfet taħdem sakemm it-tifel beda jmur l-iskola, meta mbagħad irritornat fid-dinja tax-xogħol, l-ewwel fuq bażi *part-time,* imbagħad meta t-tifel kellu għaxar (10) snin fuq bażi *full-time.* Dan ifisser li issa l-attriċi ilha taħdem fuq bażi *full-time* għal għaxar (10) snin, bħala *support worker* mal-Aġenzija Appoġġ. Għalhekk altru li hija indipendenti minn żewġha u ma hemmx il-bżonn li żewġha

jmantniha.  Issa wkoll it-tifel għandu għoxrin (20) sena u l-attriċi tista' liberalment taħdem mingħajr ostakoli.

Il-Qorti, in vista ta' dan, ma tarax illi l-attriċi għandha l-bżonn li tiġi mantnuta minn żewġha.  Ma għandux x'jaqsam illi l-introjtu tal-konvenut huwa ogħla ladarba ma rriżultax mill-atti li hemm il-bżonn ta' min qed jitolbu.  L-attriċi stess lanqas iġġib provi ta' bżonn sabiex tissustanzja t-talba tagħha, u wisq inqas kif waslet għall-ammont li titlob fin-nota tagħha. Għalhekk il-Qorti sejra tiċħad it-talba tal-attriċi għall-manteniment għaliha.

## 5. Kura u kustodja, aċċess u manteniment għall-wild G B

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieled tifel, G imwieled nhar is-26 ta' Jannar 2005 u li għalhekk illum għandu l-età ta' għoxrin (20) sena.

*<u>Talbiet rigward kura u kustodja u aċċess</u>*

Għalkemm iż-żewġ partijiet jagħmlu t-talbiet tagħhom rigward il-kura u kustodja u aċċess tat-tifel G, illum it-tifel huwa maġġorenni u dan ifisser li l-ebda ordnijiet dwar kura u kustodja u ħinijiet u ġranet t'aċċess favur *o meno* ma jista' jiġi ordnat u għalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet.

*<u>Talbiet dwar manteniment</u>*

Minħabba li wild il-partijiet illum huwa maġġorenni u jirriżulta wkoll li jaħdem fuq bażi *full-time*[57] il-konvenut ma hux obbligat li jħallas iktar manteniment għal ibnu.

Il-konvenut kien ordnat permezz ta' ordni waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2021[58] illi jħallas manteniment għat-tifel fl-ammont

[57] Nota a fol.

ta' mitejn (€200) Ewro fix-xahar u jaqsam nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni mal-attriċi. Dwar dan ma jirriżulta li qatt kien hemm problema ta' ħlas. Madanakollu issa l-attriċi qiegħda titlob:

1. Manteniment bejn Frar 2020, meta hija telqet mid-dar bit-tifel u Mejju 2021, meta kien hemm l-ordni msemmija. Hija titlob is-somma ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar għal ħmistax-il (15) xahar u

2. Manteniment ogħla minn dak ordnat fil-5 ta' Mejju 2021, fl-ammont ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar u għalhekk qed titlob id-differenza minn din is-somma għas-somma ta' mitejn Ewro (€200) kif fil-fatt kien ordnat iħallas u kif fil-fatt ħallas il-konvenut.

Kif ingħad konsistentement fil-ġurisprudenza nostrana u kif inhu wkoll rifless fil-liġi li tirregola l-manteniment, żewġ elementi li fuqhom trid tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment huma ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih*** L-Artikolu 20 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

L-attriċi titlob manteniment ogħla minn dak degredat fil-Qorti u għalhekk titlob id-differenza f'arretrati ta' manteniment bejn dak li ordnat il-Qorti u dak li tgħid li kellha tkun is-somma ordnata mill-Qorti u *ċioé* d-differenza bejn mitejn Ewro (€200) ordnati mill-Qorti u tliet mija u ħamsin Ewro (€350), s-somma li tħoss li kellu jkun manteniment ġust. Il-Qorti tistaqsi, jekk il-manteniment ma kienx wieħed li kien biżżejjed biex l-attriċi tkopri l-ispejjeż tat-tifel, kif hija ma ppreżentatx talbiet *pendente lite* sabiex titlob, fi żmien li kienet qiegħda effettivament trabbi lit-tifel, sabiex dan jiġi awmentat u turi l-Qorti kif il-bżonnijiet tat-tifel ma kienux qed

[58] Fol. 35.

jiġu koperti. Din it-talba ma kellhiex issir issa li t-tifel sar maġġorenni, mhux għaliex ma jistgħux jintalbu arretrati, iżda għaliex ma hix kredibbli l-attriċi, issa, meta tgħid li dawk ma kienux biżżejjed, meta qatt ma għamlet talba, meta effettivament kienet qed tonfoq għat-tifel, biex dan jiġi awmentat.

Oltre minn hekk, kif ġia ingħad il-manteniment jiġi kkalkulat fuq il-bżonnijiet ta' min jitolbu. Għalkemm il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-lista ta' spejjeż li għamlet l-attriċi mal-affidavit tagħha, madanakollu din il-lista ma hix sostanzjata bl-ebda prova u għalhekk il-Qorti ma tistax effettivament tikkonkludi x'kienu verament l-ispejjeż tal-bżonnijiet tat-tifel u għalhekk, li kif tgħid hi, l-ammont ordnat mill-Qorti ma kienx biżżejjed.

Il-Qorti tirreleva wkoll illi hija stess ddikjarat fir-rikors tagħha fejn talbet illi t-talba għas-separazzjoni personali tinbidel f'waħda għall-ħall taż-żwieġ, illi 66B qed jiġi sodisfatt u għalhekk li kienet qed tirċievi *manteniment adegwat* skont kif titlob il-liġi fl-Artikolu 66B (d). Din it-talba li issa qed tagħmel, tikkozza mad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dak ir-rikors fejn titlob il-ħall taż-żwieġ.

Il-Qorti sejra biss tilqa' t-talba għall-manteniment bejn Frar 2020 meta l-attriċi telqet mid-dar sad-digriet li ngħata mill-Qorti f'Mejju 2021 għall-ammont li ordnat il-Qorti fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021, flimkien ma nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u għalhekk il-Qorti tordna illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar għal dawk il-ħmistax-il (15) xahar **u *ċioé* s-somma ta' tliet elef seba' mija u ħamsin Ewro (€3,750) bħala arretrati ta' manteniment għat-tifel G.**

6. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar it-22 ta' Novembru 2003, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti Sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Diviżjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward ta' dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti kif jirriżulta mill-provi li ġabu l-partijiet:

a. Kontijiet bankarji konġunti jew f'isem il-partijiet separatament mal-Banek BOV u HSBC;

b. Loan mal-Bank HSBC, *loan account* bin-numru 078 122 520 300 liema kont infetaħ f'Marzu 2017;[59]

ċ. Loan mal-Bank HSBC, *loan account* bin-numru 1413 9000 liema kont infetaħ f'Ottubru 2017;[60]

d. *Savings Plan* mal-Bank HSBC bin-numru 100016601 li ma tirriżultax mill-provi iżda ż-żewġ partijiet jaqblu illi għandhom din il-*plan*;

e. Vetturi:[61]

---

[59] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank HSBC, fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2021 a fol. 56.
[60] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank HSBC, fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2021 a fol. 56.

i. Vettura tal-għamla Mazda Demio reġistrata f'isem l-attriċi mixtrija fiż-żwieġ;[61]
ii. Mutur tal-għamla Kimko reġistrat f'isem il-konvenut mixtri fiż-żwieġ;

f. Art aġjaċenti mad-dar matrimonjali (liema dar matrimonjali hija parafernali tar-raġel) li min-naħa tmiss ma' wara tad-dar matrimonjali u min-naħa l-oħra aċċessibbli minn Triq it-Tempesta, Qrendi, mixtrija b'kuntratt quddiem in-Nutar Sandra Bugeja fit-30 ta' Ottubru 2007;[62]

ġ. Benefikati li saru fiż-żwieġ fid-dar matrimonjali.

*Krediti kontra l-komunjoni*

Multa fuq l-iżvilupp tad-dar matrimonjali mħallsa fl-2018 għall-ammont ta' tliet elef erba' mija u ħamsin Ewro (€3,450);[63]

*Assi Parafernali*

Ma hux kontestat illi d-dar matrimonjali bl-indirizz No. 62, Triq Sant'Anna, Qrendi hija proprjetà parafernali tal-konvenut.

**Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti sejra tipproponi s-segwenti pjan ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u assenjazzjoni ta' assi parafernali:**

*Id-dar matrimonjali bl-indirizz 62, Triq Sant'Anna, il-Qrendi*

Id-dar bl-indirizz *62, Triq Sant'Anna, il-Qrendi* b'effett mill-preżenti, m'għadhiex tikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-

[61] Xhieda tar-rappreżentant tat-Transport Malta fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2021 a fol. 50.
[62] Kopja tal-kuntratt a fol. 119 tal-proċess fl-ismijiet Kenneth Tabone vs Caroline Tabone (Rik. Ġur. Nru. 255/20AL)
[63] Dokumenti esebiti mill-attriċi a fol. 255 u mir-rappreżentant tal-MEPA fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2022 a fol. 91.

partijiet. Għalkemm ma ġewx preżentati provi dokumentarji li jipprovaw illi d-dar hija parafernali tal-konvenut, ma hemmx kontestazzjoni fuq dan il-punt u fil-fatt l-attriċi tgħid illi "*Id-dar matrimonjali kien wiritha C minghand iz-ziju tieghu u cioe Wenzu B, qabel ma ahna zzewwigna.*"[64]

Jidher iżda illi:

i. Saru xogħolijiet u benefikati oħra fid-dar matrimonjali u

ii. Inxtrat biċċa art tmiss mad-dar matrimonjali fiż-żwieġ li estendiet mad-dar matrimonjali

Dwar il-benefikati fid-dar matrimonjali, l-attriċi tagħmel lista f'paragrafu 35 tal-affidavit tagħha, madanakollu ma ġġibx provi dwar dawn l-ispejjeż. Hija tgħid ukoll fit-tieni affidavit tagħha li ntefqu madwar ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) tul iż-żwieġ sabiex saru x-xogħolijiet fid-dar biex din tiġi abitabbli. Madanakollu l-Qorti la għandha prova ta' ammonti u lanqas ta' meta saru dawn ix-xogħolijiet u għalhekk il-Qorti hija kostretta li tqis li ma ntlaħaqx il-grad ta' prova a sodisfazzjoni tal-Qorti, u kwindi ma tistax takkorda dak li l-attriċi tippretendi.

Il-Qorti tara illi l-uniċi provi li ġġib l-attriċi u li għalhekk għandha kreditu u għandha titħallas tagħhom huma s-segwenti:

a. Multa fuq l-iżvilupp tad-dar matrimonjali mħallsa fl-2018 għall-ammont ta' tliet elef erba' mija u ħamsin Ewro (€3,450) u li minnhom għalhekk l-attriċi għandha kreditu ta' nofs u *ċioé* **l-ammont ta' elf seba' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€1,725)**;

b. L-ammonti ta' tmien t'elef disa' mija u disa' u għoxrin Ewro (€8,929) rappreżentanti spejjeż li saru fl-2017 biex inxtraw il-kamra tas-sodda u *soft furnishings*, li għalhekk

[64] Affidavit tal-attriċi a fol. 255.

sehem l-attriċi huwa ta' **erbat elef erba' mija u erba' u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€4,464.50);**[65]

Dwar l-art mixtrija fiż-żwieġ, li kif tispjega l-attriċi fl-affidavit tagħha kellha tinxtara għaliex il-konvenut kien bena fuq art ta' terzi, il-Qorti tagħmel referenza għall-kuntratt ppreżentat mix-xhud Anton Camilleri, li l-partijiet iffirmaw quddiem in-Nutar Sandra Bugeja fit-30 ta' Ottubru 2007.

Il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi sehmha mill-valur ta' din il-biċċa art kif valutata mill-perit tal-Qorti. Għal dan l-iskop, il-Qorti taħtar lill-Perit Dr. Robert Musumeci, u dan sabiex jieħu konjizzjoni tal-kuntratt tat-30 ta' Ottubru 2007 in atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja, *okkorrendo*, jagħmel aċċess, u joħroġ stima tal-valur ta' l-art indikata f'dan il-kuntratt, liema stima għandha teskludi kwalunkwe bini u/jew benefikat li jkun sar fuq l-imsemmija art, u kwalunkwe żieda fil-valur li tali benefikat jew bini seta' jarreka lill-istess art.

Il-Qorti tikkunsidra li għad hemm dejn li jaggrava din l-art. **Kwindi biex l-ammont dovut lill-attrici jiġi determinat mingħajr ekwivoku, dak dovut mill-konvenut għandu jiġi kkalkolat kif ġej:**

**(Stima ta' l-art) – (dejn rimanenti ma' l-HSBC) imbagħad (diviż bi 2 biex joħorġu l-ishma) = ammont dovut lill-attriċi.**

B'dan li l-konvenut ikun responsabbli waħdu għad-dejn li fadal mall-Bank HSBC, u għandu jiżgura li l-istess attriċi tiġi liberata minn kull obbligu jew garanzija li hija tkun daħlet għaliha sabiex l-art inxtrat, u dan taħt piena ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti.

---

[65] Vide fol. 271-273 tal-proċess – Euro 6,500 eskluż il-VAT li għalhekk iġib total ta' Euro 7,670 għall-kamra tas-sodda mixtrija minn Raymond Bajada Casa Design, u Euro 1,259 minn Mattress Collection.

Dwar id-dejn li sar mill-partijiet mal-Bank HSBC għall-kċina, *loan account* bin-numru 078 122 520 300, skont l-*istatements* preżentati din ttieħdet miż-żewġ partijiet iżda l-attriċi tgħid li dejjem kienet titħallas minnha. Jidher minn kopja tal-*istatements* ppreżentati mat-tieni affidavit tal-attriċi, li hija kompliet tħallas din il-loan anke wara li telqet mid-dar fi Frar 2020 sakemm din tħallset kollha fl-2024. Il-Qorti tara illi l-attriċi għandha tiġi kompensata nofs il-loan li hija ħallset wara li l-konvenut irrenda ruħu ħati tat-tifrik taż-żwieġ u għalhekk huwa għandu jħallasha nofs l-ammont ta' tlettax-il elf seba' mija u wieħed u sebgħin Ewro (€13,771) u *ċioé* **s-somma ta' sitt elef tmien mija u ħamsa u tmenin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€6,885.56).**

Iż-żewġ partijiet isemmu mobbli ta' ġod-dar iżda la jġibu deskrizzjoni u lanqas provi ta' dawn il-mobbli u għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar kif dawn għandhom jinqasmu. L-istess jgħodd għall-affarijiet personali tal-attriċi.

*Vetturi f'isem il-partijiet*

Fil-waqt li rappreżentant tat-Transport Malta kkonferma liema karozzi huma reġistrati fuq il-partijiet, il-partijiet naqsu milli jġibu prova tal-valur tat-tali vetturi, madanakollu l-partijiet qablu illi kull parti żżomm dik il-vettura reġistrata fuq isimha u għalhekk il-Qorti tordna illi

i. Vettura tal-għamla Mazda Demio reġistrata f'isem l-attriċi għanda tiġi assenjata lilha; u
ii. Mutur tal-għamla Kimko reġistrat f'isem il-konvenut għandu jiġi assenjat lilu

mingħajr l-ebda dritt ta' xi ekwiparazzjoni bejn il-partijiet.

*Kontijiet mal-Banek*

Kif maqbul bejn il-partijiet, kull parti għandha żżomm il-kontijiet intestati fuq isimha mingħajr l-ebda dritt ta' xi ekwiparazzjoni bejn il-partijiet. Jekk jirriżultaw kontijiet konġunti, dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Kull parti żżomm f'isimha u tħallas hi kull dejn fuq *credit cards* f'isimha.

Dwar is-*savings plan* f'isem il-partijiet mal-Bank HSBC, din għandha titwaqqaf u tinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

7. **Kunjom xbubit l-attriċi;**

L-attriċi titlob permezz ta' nota datata 22 ta' April 2024[66] l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u *ċioé* Q *ai termini* tal-Artikolu 62(1) tal-Kap 16 li jgħid li "... *l-miżżewġin jistgħu, mas-separazzjoni, jagħżlu li jirrevertu għal kunjomhom ta' meta twieldu jew għal kunjomhom fiż-żmien taż-żwieġ tagħhom."*

Peress li t-talba ta' separazzjoni ġiet konvertita għal waħda ta' ħall ta' żwieġ, tilqa' t-talba *ai termini* tal-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kap 16.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fit-22 ta' Novembru 2003 u dan għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut u tiddikjara is-16 ta' Frar 2020 bħala d-data li minnha l-konvenut għandu jkun kunsidrat ħati tal-firda u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

[66] Fol. 289.

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attriċi *stante* li iben il-partijiet illum huwa maġġorenni;

3. Tiċħad ir-raba' talba b'dan illi l-konvenut ma hux qiegħed jiġi ordnat iħallas manteniment lill-attriċi iżda tiddikjara illi l-attriċi ma ddekadietx mid-dritt li titlob manteniment mingħand żewġha;

4. Tiċħad il-ħames, is-sitt u s-seba' talba, salv għall-arretrati kif provduti skont il-provvedimenti tat-taqsima numru ħamsa (5) ta' din is-Sentenza intitolata ***Kura u kustodja, aċċess u manteniment għall-wild G B;***

5. Tilqa' t-tmien talba u tordna li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 għandhom jiġu applikati kontra l-konvenut;

6. Tiċħad id-disa' u l-għaxar talba għaliex ma rriżultawx beni parafernali tal-attriċi;

7. Tilqa' l-ħdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax u l-ħmistax-il talba limitatament u filwaqt li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwida u tiddividi l-assi kompriża l-istess, skont il-provvedimenti tat-taqsima numru sitta (6) ta' din is-Sentenza intitolata ***"It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali"****;*

8. Tiċħad is-sittax-il talba u tiddikjara illi d-dar matrimonjali hija proprjetà parafernali tal-konvenut u li huwa għandu dritt jibqa' jgħix fiha ad esklużjoni tal-attriċi.

9. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sbatax-il talba *stante* dak provdut fl-ewwel talba.

Bl-ispejjeż kollha a karigu tal-konvenut.